# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 211/2023: **GO P.L.C. (C22334) V. SHEEJA MATHEW (KI. 171306A)**

(AMMONT DOVUT)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**29 ta' April 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GO p.l.c. (imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2023[1] li permezz tiegħu talbet li Sheeja Mathew (imsejjaħ "l-intimat") jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

> **'jħallas, lis-soċjetà attriċi, s-somma ta' ħamest elef seba' mija sitta u sebgħin euro u disa' u disgħin ċenteżmu (€ 5,776.99) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numri 41014970.**
>
> **Bl-ispejjeż, kompriżi d-drittijiet professjonali, inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-riferenza 1192/23, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.'**

wara li rat illi bl-Ordni *in camera* tagħha tat-12 ta' Settembru 2023 il-Qorti filwaqt illi appuntat il-kawża għall-provi tar-rikorrenti għall-20 ta' Novembru 2023, ordnat *inter*

[1] Fol 1-19

*alia* lill-intimat sabiex jekk jixtieq jikkuntesta t-talbiet jagħmel dan permezz ta' risposta entro għoxrin ġurnata min-notifika,[2]

wara li rat li minkejja li ġie debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-ordni *in camera* l-intimat naqas milli jippreżenta risposta,

wara li rat l-affidavit maħluf tar-rappreżentanta tal-kumpanija rikorrenti ppreżentat fil-21 ta' Novembru 2023[3],

wara li rat li fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 il-kawża tħalliet għas-26 ta' Frar 2024 u sussegwentement għal-lum 29 ta' April 2024 għall-provi kollha tal-intimat[4],

wara li rat li fis-seduta tal-lum l-intimat naqas milli jidher sabiex iressaq il-provi tiegħu u għalhekk il-Qorti filwaqt li ddikjarat il-provi tiegħu magħluqa pposponiet il-kawża sabiex tingħata sentenza,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-ċ

**Sentenza**

1. Fl-affidavit maħluf tar-rappreżentanta tal-kumpanija rikorrenti, **Beverly Xerxen,** ppreżentat fil-21 ta' Novembru 2023[5], li tokkupa l-kariga ta' *Manager* fid-Dipartiment tal-*Credit Control* din qalet illi wara li vverifikat mar-*records* tal-kumpanija rikorrenti setgħet tikkonferma personalment illi:

    - Fir-rigward tal-kont bin-numru 41014970 l-ammont dovut jammonta għal ħamest elef seba' mija sitta u sebgħin euro u disa' u disgħin ċenteżmu (€ 5,776.99)
    - Dan l-ammont jinkludi fih il-penalitajiet applikabbli in konnessjoni mat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratti.
    - Nhar il-21 ta' Novembru 2020 l-intimat daħal f'żewġ kuntratti mar-rikorrenti, wieħed għas-servizz bin-numru 79361444 u ieħor li permezz tiegħu kien xtara *Iphone 12 128GB* taħt l-iskema *GO Easy Buy* u li permezz tagħha l-imsemmi telefon ċellulari kellu jitħallas permezz ta' ħlasijiet mensili.

[2] Fol 21-22
[3] Fol 28-29
[4] Fol 30-31
[5] Fol 28-29

- l-intimat m'onorax l-obbligi kuntrattwali tiegħu u konsegwentement ġew itterminati s-servizzi u kellhom jittieħdu proċeduri legali.
- Mal-ammont mitlub iridu jiżdiedu l-imgħaxijiet, drittijiet u l-ispejjeż legali
- L-ammont mitlub huwa dovut minn Sheeja Mathew, u dan kif jidher mid-dokumenti mmarkati B1 u B2 annessi mar-rikors promotur .

2. Fis-seduta tal-lum, 29 ta' April 2024, li kienet riservata għall-provi tal-intimat, l-istess intimat naqas milli jidher u dan in-nuqqas, flimkien mal-mankanza tar-risposta, wassal lill-Qorti sabiex tiddikjara magħluqa l-provi tiegħu.

3. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li l-intimat m'għandux difiża xi jressaq u *di piu'* r-rikorrenti ressqet provi suffiċjenti sabiex fuq bilanċ ta' probabiltajiet l-Qorti tilqa' t-talbiet tagħha.

**Deċiżjoni**

4. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan illi:**

    1. **tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma komplessiva ta' ħamest elef seba' mija sitta u sebgħin euro u disa' u disgħin ċenteżmu (€ 5,776.99) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numri 41014970,**

    2. **tikkundanna lill-intimat jħallas din is-somma lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur sal-effettiv pagament,**

    3. **tikkundanna lill-intimat iħallas ukoll l-ispejjeż kif mitluba.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur